MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 333/2002/1

**Dennis Borg ghan-nom ta' John Meli & Co.**

**-vs-**

**Anthony u Rachel McKay.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-25 ta' Marzu, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-fond 56D Flat 1 Triq Zekka Valletta huwa mikri ghand l-atturi u ilu hekk mikri ghandhom ghall-dawn l-ahhar ghoxrin sena cirka.

Illi l-atturi jaghmlu uzu mill-imsemmi fond bhala store u ghalhekk kellhom diversi oggetti u ghamara storjati fl-istess fond.

Illi fil-bidu ta’ Frar 2002, Dennis Borg skopra illi l-konvenut kien sgassa l-bieb tal-fond imsemmi u ha pussess tieghu b’mod abbussiv u minghajr ebda titolu skond il-ligi.

Illi l-konvenut mhux talli ha pussess illegali tal-fond imsemmi, imma sahansitra kkawza diversi danni lill-atturi kemm billi saret hsara lill-oggetti illi kienu jinsabu fil-fond kif ukoll billi l-istess konvenut ghamel diversi alterazzjonijiet strutturali.

Illi dan l-agir tal-konvenuti huwa spoll tad-drittijiet tal-atturi li ma ghadx ghandhom liberu godiment tal-istess fond mikri lilhom, liema spoll gie kommess jew almenu skopert matul dawn l-ahhar xahrejn.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti kkommettew spoll fil-konfront tal-atturi u li dan gie kommess jew skopert entro dawn l-ahhar sahrejn,

(2) tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti jergghu iqieghdu lill-atturi fl-istat ewlieni ta’ godiment tad-dritt ta’ pussess u uzu tal-fond fuq imsemmi u cioe li jigu reintegrati fid-drittijiet taghhom li minnhom gew spoljati mill-konvenuti, u

(3) in difett li l-konvenuti jaghmlu dan fiz-zmien lilhom moghti mill-Qorti, lil l-atturi jigu awtorizzati li jaghmlu l-istess xogholijiet necessarji u ordnati mill-Qorti huma stess a spejjez u riskju tal-konvenuti – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq imsemmija u dan ai

termini tal-Artiklu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni presentat kontestwalment mal-presenti kontra il-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom, u b'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-atturi, senjatament dak ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-12 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

1. Illi l-azzjoni hekk kif promossa mill-attur hija perenta ai termini tal-Artikolu 535(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi l-eccipjenti jecepixxu illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma jissussistix l-ewwel element tal-azzjoni ta' spoll privileggjat ai termini tal-Artikolu 535(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' il-fatt tal-pussess jew detenzjoni da parti tal-attur.

3. Illi l-eccipjenti jeccepixxu illi huma ma ikkagunaw l-ebda danni fil-fond 56D, Flat 1, Triq Zekka, Valletta u per konsegwenza m'humix risponsabbli ghall-ebda danni.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali nkluz in-nota ta' l-attur nomine li permezz taghha ceda l-mertu tal-kawza izda zamm ferm dwar il-kap ta' l-ispejjes.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar il-kap ta' l-ispejjez.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur nomine ppropona din il-kawza ta' spoll fil-konfront tal-konvenut izda fil-mori tal-kawza huwa rega' ha l-pussess tal-fond in kwistjoni kif spjega fid-deposizzjoni tieghu meta xehed fis-seduta tas-7 ta' Jannar, 2005. Wara li xehed dwar kif il-konvenuti ppussessaw ruhhom mill-fond spjega illi fil-mori tal-kawza gie nformat minn terzi li l-fond kien tbattal u kien bil-bieb miftuh. Ghalhekk ha hsieb biex isakkru.

Il-konvenuti ma ressqu ebda provi u mix-xhieda ta' l-istess attur jidher car li huwa kien gustifikat li jibda l-kawza. L-eccezzjoni li l-kawza kienet perenta ma hijiex konfermata mill-fatti ghaliex il-kawza saret ftit iktar minn xahar wara li sehh l-ispoll.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici rigward il-mertu *stante* c-cessjoni, tilqa' t-talba attrici fir-rigward ta' l-ispejjes u tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu l-ispejjes tal-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------